MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 692/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvana Agius**
**V**

**MARK JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK JOSEPH ATTARD** ta' ghoxrin sena bin Paul u Mary nee Mizzi, imwieled Pieta nhar l-wiehed u ghoxrin ta Lulju 1981 u residenti 'Paulmir', Triq il-Brunzar, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 406781M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sittax ta' Awissu 2001 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu fi Triq it-Tigrija, Marsa fil-parking area quddiem l-fabbrika tal-Lowenbrau, f'Hal Qormi;

1. minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car ta' Josef Bonavia mill-Qawra, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, jew gablu disordni

f'mohhu billi kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu billi gidimlu widnejh l-leminija u qataghlu parti minnha barra hekk kif iccertifika Doctor S. Attard MD fl-isptar San Luqa,

2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Josef Bonavia mill-Qawra sabiex jingurjah, jdejjqu jew jghamillu hsara;

3. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew qabad armi kontra Josef Bonavia mill-Qawra;

4. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew d-dicenza pubblika;

5. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Josef Bonavia u l-familjari tieghu jew sabiex tinzamm l-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati, torbot lil hatja b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minnha.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Novembru 2001 a fol 5 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta a fol 9 tal-atti u u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Mejju 2004, wara li kienu xehdu hafna mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 tal-atti minn fejn jirrizulta li huwa deher il-Qorti f'okkazzjoni wahda biss u cioe fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 1999 u gie akkuzat b'kontravenzjoni kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u kien inghata R&A.  Illi ghalhekk, l-imputat, in vista ta' din t-tip ta' fedina penali, jista jigi kunsidrat bhala a first time offender.

Il-Qorti semghet lid-diversi xhieda u rat li ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif addebitati lilu, dan ghamlu ghaliex huwa xtaq jemigra lejn t-Tajlandja u konsegwentement ma xtaqx li jitlaq minn Malta b'din il-kawza pendenti.

Illi l-Qorti rat li din il-kawza ilha pendenti mit-tletin ta' Novembru 2001 u ghalkemm zammet erbgha w ghoxrin seduta, ma tantx gie registrat progress sakemm hija ordnat komunika lil Kummissarju tal-Pulizija b'digriet taghha tal-hamsa ta' Mejju 2004 u l-Prosekuzzjoni, rappresentata minn Ufficjal Prosekutur iehor, meta fis-seduta ta' wara u cioe tal-ghaxra ta' Mejju 2004, il-Prosekuzzjoni harrket tmien xhieda.

Illi ghalhekk, l-imputat kellu jiehu l-pass li ha minhabba in-nuqqas t' interess da parti tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti semghet lil vittma Josef Bonavia jghid kif sehh l-incident u ma hiex konvinta li dak li qal huwa veritier u fil-fatt x-xhieda tieghu hija wkoll sa certu punt, skreditata minn ohtu stess.

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel xi kummenti dwar in-natura tal-feriti salv li jirrizultaw ppruvati.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghalkemm sabiex issir gustizzja mal-vittma, tiddikjara li tali incident kien wiehed sfortunat u ghalih l-imputat ghandu jinghata sentenza sospiza.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 216, 217, 339(1)(d), 339(1)(c), 338(dd), 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat MARK JOSEPH ATTARD hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------